# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 12 ta' Dicembru, 2000.

**Kawza Nru. 12.**
**Citazz. Nru. 1500/99 JRM**

**AGENDA 2000 LIMITED**

**vs**

**Jason BRIFFA u Gordon DEBONO f'isimhom proprju u ghan-nom ta' TIME PUBLICATAIONS.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni tal-25 ta' Gunju, 1999, li bih is-Socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici tesplika l-mansjoni taghha bhala kumpanija ta' "publishing" fil-kamp tal-"magazines" u pubblikazzjonijiet ohra kummercjali;

Illi s-socjeta' attrici kienet ilha ghal dawn l-ahhar erba' snin tohrog pubblikazzjoni bl-isem "Agenda 2000", liema pubblikazzjoni kien johrog b'mod regolari kull xahar b'cirkolazzjoni ta' cirka disat elef (9,000) kopja u kienet tgawdi ta' reputazzjoni stabbilita fuq is-suq lokali;

Illi permezz ta' ftehim kummercjali datat 14 ta' Jannar 1999 (Dok "A"), is-socjeta' attrici kienet ghaddiet l- inkarigu tal-gbir ta' reklamar, l-istampar u d-distribuzzjoni tal-pubblikazzjoni fil-forma ta' magazine lill-konvenuti, jew min minnhom, u dan skond il-kundizzjonijiet kollha l-ohra stipulati fl-istess ftehim irreferut ghalih;

Illi l-konvenuti, jew min minnhom, bi ksur ta' l-obbligi kuntrattwali bejn il-partijiet, naqsu li jippubblikaw il-magazine "Agenda 2000" fix-xhur ta' Marzu u Mejju 1999 u ppubblikaw l-istess magazine fix-xahar ta' April 1999 b'inqas pagni minn dawk stabbiliti fi klawsola wiehed (1) tal-ftehim kummercjali u minghajr l-approvazzjoni finali mill-editrici ta' l-istess magazine u dan kontra klawsola sebgha (7 ) ta' l-istess ftehim kummmercjali;

Illi ghar-ragunijiet suesposti u minhabba n-nuqqasijiet gravi imputabbli unikament lill-konvenuti, jew min minnhom, is-socjeta' attrici, wara diversi ittri mibghuta lill-konvenuti biex jaddempixxu ruhhom mal-ftehim kummercjali, tterminat il-ftehim kummercjali mal-konvenuti, jew min minnhom, hekk kif kontemplat fl-artikolu ghaxra (10) ta' dan l-imsemmi ftehim u dan permezz ta' ittra ufficjali datat 31 ta' Mejju 1999 (Dok. "B");

Illi s-socjeta' attrici soffriet telf ta' negozju minhabba n-nuqqas ta' pubblikazzjoni tal-magazine ammontanti ghal elf

u hames mitt lira maltin (Lm1,500) skond klawsola tnejn (2) ta' l-imsemmi ftehim;

Illi s-socjeta' attrici soffriet ukoll telf f'negozju derivanti min-nuqqas ta' dhul fir-reklamar ammontanti ghal elf u hamsin lira maltin (Lm1,050) rapprezentanti hamsa fil-mija (5%) tad-dhul mir-riklamar mill-magazine "Agenda 2000" kieku l-istess magazine gie ppubblikat skond il-ftehim kummercjali u dan ikkalkulat a bazi ta' "Advertising Rate-Card" (Dok. "C") moghtija mill-konvenuti, jew min minnhom, lill-istess socjeta' attrici;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' attrici soffriet danni minhabba telf ta' reputazzjoni fuq is-suq lokali kawza ta' l-agir abuziv u illegli tal-konvenuti, jew min minnhom, kif ukoll sejjer jkollha tisborza somma konsiderevoli ta' flus f' "marketing" u spejjez ohra biex terga' taghmel "launching" tal-magazine;

Illi l-agir tal-konvenuti, jew min minnhom, jikkostitwixxi ksur materjali ta' l-obbligazzjonijiet kuntrattwali taghhom u jrendihom responsabbbli li jikkumpensaw lis-socjeta' attrici skond il-ligi ghad-danni sofferti minnha;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara lill-konvenuti "in solidum" jew min minnhom, responsabbli ghad-danni kollha minnhom ikkagunati minhabba l-ksur tal-ftehim kuntrattwali mas-socjeta' attrici;

2. Tikkundanna lill-konvenuti "in solidum" jew min minnhom, ihallsu s-somma ta' elfejn hames mija u hamsin lira maltin (Lm2,550) rapprezentanti parti mit-telf fin-negozju sofferti mis-socjeta' attrici kawza tal-ksur ta' l-obbligi kuntrattwali tal-konvenuti jew min minnhom;

3. Inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuti, jew min minnhom, bhala danni stante l-ksur tal-ftehim kuntrattwali mas-socjeta’ attrici;

4. Tikkundanna lill-konvenuti “in solidum” jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta’ attrici l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 31 ta’ Mejju 1999 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat fis-17 ta’ Gunju 1999 kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa stess ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tas-Socjeta’ attrici li maghha kien hemm mehmuza tliet (3) dokumenti;

Rat id-Degriet ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-3 t’Awissu, 1999, li bih appuntat il-kawza ghas-smiegh ghall-11 ta’ Jannar, 2000;

Rat id-Degriet ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-1 ta’ Marzu, 2000, li bih iddifferiet il-kawza *sine die;*

Rat id-Degriet taghha tal-4 ta’ Mejju, 2000, li bih regghet appuntat il-kawza ghas-smiegh ghad-9 ta’ Gunju, 2000;

Rat id-Degriet ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tad-9 ta’ Gunju, 2000, li permezz tieghu awtorizzat li n-notifika tal-konvenuti ssir bl-affissjoni u l-pubblikazzjoni;

Rat li ghalkemm debitament notifikati skond il-ligi, il-konvenuti naqsu li jressqu Nota tal-Eccezzjonijiet jew li jidhru meta ssejhet il-kawza, u ghalhekk baqghu kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, partikolarment in-Nota u l-prospett tas-Socjeta' attrici tat-3 ta' Novembru, 2000, f'pagni 31 u 32 tal-process;

Semghet ix-xhieda tas-Socjeta' attrici;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat tas-Socjeta' attrici;

Rat id-Degriet taghha tat-3 ta' Novembru, 2000, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi s-Socjeta' attrici tahdem fil-qasam ta' pubblikazzjoni ta' rivisti, fosthom dik bl-isem ta' ***Agenda 2000***, ghal ghadd ta' snin. Sar ftehim fl-14 ta' Jannar, 1999, bejnha u l-konvenut Jason Briffa f'isem ta' *Time Publishers* [ara dokument f'pagna 9 tal-process] ghal zmien ta' tliet (3) snin minn dakinhar, li permezz tieghu, u skond il-patti u l-kundizzjonijiet imsemmija, din id-ditta tiehu hsieb tigbor ir-riklami u twassal ghall-pubblikazzjoni ghal kull xahar kalendarju konsekuttiv rivista bl-isem ta' ***Agenda 2000*** fl-ghadd u tal-ghamla miftehma. L-ewwel pubblikazzjoni kellha tkun dik ta' Marzu, 1999 [ara d-dokument f'pagna 10 tal-process], u titqassam b'xejn ma' gazzetta lokali;

Illi, sa Mejju tal-1999, id-ditta konvenuta kienet naqset li tippubblika l-harga ta' Marzu u wkoll ta' Mejju, filwaqt li dik t'April harget b'ghadd ta' pagni anqas mit-tmienja u erbghin ( 48) pagna miftehma;

Illi, b'itttra ufficjali tal-31 ta' Mejju, 1999, [ara d-dokment f'pagna 7 tal-process] is-Socjeta' attrici temmet il-ftehim mal-konvenuti, skond kif stabilit fil-ftehim, u talbet il-hlas tad-danni;

Illi l-ammonti li s-Socjeta' attrici qeghda titlob minghand il-konvenuti, fil-kwalita' taghhom premessa, jaqghu taht tliet (3) kategoriji: (a) l-ewwelnett, hemm l-ammont ta' Lm500 ghal kull harga li qed jintalab taht il-klawsola tnejn (2) tal-ftehim; (b) it-tieninett, is-sehem ta' hamsa fil-mija (5%) li s-Socjeta' attrici ghandha jedd tircievi mir-riklami migburin dwar kull harga, u dan skond il-klawsola numru tlieta (3) tal-ftehim; u (c) fit-tielet lok, danni ohrajn minhabba inadempjenza jew ksur tal-ftehim skond il-klawsola numru ghaxra (10) tal-ftehim;

Illi l-konvenuti ma jidher li ghamlu l-ebda rejazzjoni ghax-xilja tas-Socjeta' attrici, la fl-ittra ufficjali u lanqas dwar it-talbiet fic-Citazzjoni. F'cirkostanza bhal din, u meta lill-konvenuti tkun inghatatilhom kull opportunita' biex jghidu taghhom, il-Qorti ma jifdlilha l-ebda triq ghajr li tqis li s-skiet taghhom huwa stqarrija ta' dak li qeghdin jigu mixlija bih;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel kategorija, t-talba tas-socjeta' attrici tidher misthoqqa u, peress li l-ewwel harga taht il-ftehim kellha tkun dik ta' Marzu, 1999, u l-ftehim gie mahlul fl-ahhar ta' Mejju, 1999, is-Socjeta' attrici kienet intitolata tircievi Lm1,500 bhala sehemha minn dawk it-tliet pubblikazzjonijiet;

Illi l-kap ta' percentwali mir-riklami huwa xi ftit izjed problematiku. Kif inhija mahduma c-cifra, jigifieri s-somma ta' Lm350 dwar kull harga, Marika Farrugia ghas-Socjeta' attrici tfisser li l-kalkolu nhadem fuq rati provduti mill-konvenuti nfushom b'*fax* mibghut lis-Socjeta' attrici. Dak l-ammont jistma li minn kull harga, l-ammont ta' riklami jitla' ghal Lm7,000. Il-Qorti qieset li l-ftehim jipprovdi (klawsola 1) li sittin fil-mija (60%) ta' kull harga tkun dedikata ghal riklami, kwazi disgha u ghoxrin (29) pagna mir-rivista. Il-konvenuti nfushom jghidu li tletin (30) pagna kienu sejrin jigu dedikati ghar-riklami. Jekk wiehed iqis ir-rati mitluba ghall-qoxra ta' barra u l-pagna tal-qoxra minn

gewwa, flimkien mal-medja tal-prezz ta' riklami fis-sitta u ghoxrin (26) pagna li jifdal, wiehed isib li l-istima maghmula mis-Socjeta' attrici hija wahda ghal kollox meqjusa u ragonevoli;

Illi dwar it-tielet kategorija, u jigifieri d-danni li s-Socjeta' attrici tghid li sofriet, il-Qorti rat li l-prospett esibit minn Marika Farrugia fih tqassim car u wkoll il-kontenut tieghu nhalef bil-gurament waqt l-ghoti tax-xhieda. L-attrici nomine, madankollu, ma ressqet l-ebda ricevuta biex turi l-hsara li s-Socjeta' attrici garrbet, u lanqas tat tifsira ta' kif waslet biex illikwidat it-telf tal-avvjament fl-ammont muri. Il-Qorti, *arbitrio boni viri*, ghalhekk trid tuza kriterji u parametri li jkunu jaqblu ma' l-kwalita' ta' provi li l-ligi tippreskrivi li ghandhom jitressqu biex jitqies li min allega jkun wettaq id-dmir li jikkonvinci;

Dan jinghad b'izjed sahha fin-nuqqas ta' kontestazzjoni attiva tal-konvenuti;

Ghalhekk, wara li fliet bir-reqqa l-prospett u l-provi mressqa, il-Qorti qeghda tillikwida l-ammont ta' Lm3516 bhala danni mgarrba mis-Socjeta' attrici minhabba n-nuqqasijiet tal-konvenuti;

Fl-ahhar nett, billi mix-xhieda irrisulta li kemm Jason Briffa u kif ukoll Gordon Debono kienu mdahhlin fit-tfassil tal-ftehim mas-Socjeta' attrici u fix-xoghol li kellu jsir bi twettiq tal-istess ftehim, it-tnejn li huma ghandhom jitqiesu solidarment responsabbli ghan-nuqqasijiet imwettqin mid-ditta konvenuta;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-konvenuti:

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara lill-konvenuti hatja *in solidum*** ta' ksur ta' ftehim mas-Socjeta' attrici;

2. **Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenuti**, fil-kwalita' li fiha gew imharrkin, ihallsu lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn hames mija u hamsin lira maltin (Lm2,550) rappresentanti s-sehem spettanti lilha skond il-klawsola 2 u l-klawsola 3 tal-ftehim;

3. **Tilqa' t-tielet talba** u tillikwida l-ammont ta' danni mgarrba mis-Socjeta' attrici fis-somma ta' tlitt elef hames mija u sittax-il lira maltija (Lm3,516); u

4 **Tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-konvenuti**, fil-kwalita' taghhom imsemmija u solidarment bejniethom, ihallsu lis-Socjeta' attrici l-ammonti hekk likwidati, flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet legali millum sal-jum tal-hlas effettiv.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**12 ta' Dicembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru, 2000.**